



KOMPETIZZJONI TAR-RITRATTI

bejn it-12 ta' Frar u l-31 ta' Mejju 2009

“L-Ewropa fil-ħajja ta' kuljum tiegħi”

IR-REGOLI TAL-KOMPETIZZJONI

- 1.1 Tista' tieħu sehem f'din il-kompetizzjoni jekk toqgħod f'wieħed mis-27 Stat Membru tal-UE u għandek bejn it-18 u t-30 sena.
- 1.2 Jekk tieħu sehem fil-kompetizzjoni jfisser li tkun aċċettajt dawn ir-regoli tal-kompetizzjoni.
- 1.3 Ir-ritratti għandhom jintbagħtu bejn it-12 ta' Frar 2009 u l-31 ta' Mejju 2009.
- 1.4 Din il-kompetizzjoni hija miftuħa biss għad-dilettanti. Il-fotografi professjonali u kull min jaħdem fil-qasam tal-fotografija ser jiġi eskluż mill-ewwel minn din il-kompetizzjoni.
- 1.5 Il-persunal tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-Unjoni Ewropea ma jistax jieħu sehem f'din il-kompetizzjoni.
- 1.6 Bil-parteċipazzjoni tiegħek fil-kompetizzjoni tkun qed taqbel li l-Grupp tal-Partit tas-Soċjalisti Ewropej fi ħdan il-Kumitat tar-Reġjuni (Grupp PSE) għandu l-permess jirċievi l-informazzjoni tar-reġistrazzjoni tiegħek. Il-Grupp PSE ser juża l-informazzjoni personali tiegħek b'konformità mal-politika tal-protezzjoni tal-privatezza – **Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dak id-data.**
 - Il-kontrollur ser ikun is-segretarjat tal-Grupp PSE, il-Kumitat tar-Reġjuni, 101 rue Belliard, B-1040 Brussell.
 - Il-parteċipanti jaqblu li d-data personali, li tinkludi l-isem, l-età, l-indirizz tad-dar, in-numru tat-telefon u l-indirizz elettroniku, tiġi miġbura, ipproċessata, maħżuna u użata għall-finijiet tal-organizzazzjoni u l-amministrazzjoni tal-kompetizzjoni tar-ritratti.
 - Din l-informazzjoni ser tinżamm għal perijodu ta' sena.
 - Il-parteċipanti għandhom id-dritt li fi kwalunkwe ħin iduru fuq il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (www.edps.europa.eu) jew li jagħmlu kuntatt mal-persuna ta' kuntatt permezz tal-indirizz elettroniku li ġej: data.protection@cor.europa.eu.

- Il-parteċipanti għandhom id-dritt jikkonsultaw, jeżaminaw jew jikkoreġu d-data personali kollha li għandu l-Grupp PSE billi jibagħtu ittra elettronika fl-indirizz elettroniku li ġej: pes-group@cor.europa.eu.
- 2.1 Biex tiegħu sehem fil-kompetizzjoni trid ittella' ritratt wieħed biss permezz tas-sit elettroniku: www.cor.europa.eu/pesweb ("is-sit elettroniku") u timla l-formola ta' parteċipazzjoni online billi ssegwi l-istruzzjonijiet fuq l-iskrin bir-reqqa.
- 2.2 F'każ li jkollok xi problema teknika waqt li tkun qed ittella' r-ritratt tista' tinfurmana fl-indirizz elettroniku li ġej: PES-photo@cor.europa.eu.
- 2.3 It-tema tal-kompetizzjoni hija "L-Ewropa fil-ħajja ta' kuljum tiegħi". Għalhekk, ir-ritratt għandu juri l-aspetti sbieħ li l-kostruzzjoni Ewropea żiedet fil-ħajja ta' kuljum tiegħek.
- 3.1 Ir-ritratti ser jiġu eżaminati minn ġurija magħżula mill-Grupp PSE li ser tkun magħmula minn membri tal-Grupp PSE u minn persuni professjonali mid-dinja tal-fotografija.
- 3.2 Meta tagħlaq il-kompetizzjoni, il-Grupp PSE jista' jorganizza proċedura ta' preselezzjoni biex jingħażlu dawk ir-ritratti li jżommu mat-tema tal-kompetizzjoni.
- 3.3 Ser jingħażlu sitt rebbieħa u l-ismijiet tagħhom jitħabbru ġimagħtejn wara li tagħlaq il-kompetizzjoni. Ir-rebbieħa ser jiġu infurmati b'ittra elettronika u bit-telefon. Jekk ir-rebbieħ ma jweġibx sa ħmistax wara li jkun ġie infurmat, il-premju tiegħu jingħata lil parteċipant ieħor.

- 3.4 Il-premjijiet huma dawn:
 - 3.4.1 L-ewwel premju: Sett semiprofessjonali tal-fotografija reflex diġitali li jiswa madwar EUR 3 500
 - 3.4.2 It-tieni u t-tielet premju: Sett tal-fotografija reflex diġitali li jiswa madwar EUR 1 500
 - 3.4.3 Ir-raba', il-ħames u s-sitt premju: Printer tar-ritratti b'format A3+ li jiswa madwar EUR 500.
- 3.5 Is-sitt rebbieħa tal-kompetizzjoni tal-Grupp PSE ser jiġu mistiedna għaċ-ċerimonja tal-ġhoti tal-premjijiet li għandha ssir fis-16 ta' Settembru fis-sede tal-Kumitat tar-Regġuni fi Brussell. Il-biljett bir-ritorn għal Brussell u l-lukanda ser ikunu mħallsa.
- 3.6 Id-deċizzjoni tal-Grupp PSE hija finali u mingħajr appell.
- 4.1 Il-Grupp PSE jirriżerva d-dritt li jiskwalifika u jneħħi kwalunkwe ritratt li fil-fehma tiegħu ma jikkonformax mar-rekwiżiti ta' hawn taħt, anke jekk ir-ritratt ikun diġà ttella' fuq is-sit elettroniku. Meta ttella' r-ritratt ifisser li:
 - 4.1.1 Inti l-uniku sid u awtur tar-ritratt.
 - 4.1.2 Għandek id-dritt tippubblika r-ritratt għall-finijiet tal-kompetizzjoni.
 - 4.1.3 Ir-ritratt ma fihx kontenut falz, qarrieqi, abużiv, libelluż, diffamatorju, vulgari, oxxen, skandaluż, xewwiexi, pornografiku, profan, li mhux awtorizzat jew inkella li jhedded.
 - 4.1.4 Ir-ritratt ma fihx materjal li jista' jikkostitwixxi jew iħeġġeġ imġiba li tista' titqies bħala reat kriminali, li tagħti lok għal responsabbiltà ċivili jew li tikser il-liġi b'mod jew ieħor.
 - 4.1.5 Ir-ritratt ma jmurx kontra d-drittijiet tal-awtur, it-trademarks, id-drittijiet kuntrattwali jew kull dritt ieħor tal-proprjetà intellettuali ta' kwalunkwe terza persuna jew entità, u ma jmurx kontra d-drittijiet ta' kull persuna għall-privatezza jew għall-pubbliċità; u r-ritratt tiegħek ma jinkludix:
 - 4.1.5.1 trademarks li huma proprjetà ta' terzi persuni;
 - 4.1.5.2 materjali koperti mid-dritt tal-awtur li huma proprjetà ta' terzi persuni;
 - 4.1.5.3 ismijiet, xbihat jew karatteristiċi oħrajn li jidentifikaw persuni famużi jew persuni pubbliċi oħra, ħajjin jew mejtin;
 - 4.1.5.4 ritratti li għalihom tkun xtrajt jew akkwistajt id-dritt tal-użu ta' ritratt maħżun.

- 4.2 Taqbel li trodd kull somma ta' flus li jkollu jħallas il-Grupp PSE fir-rigward tad-dritt tal-awtur, il-miżati jew spejjeż oħra li għandhom jingħataw lil kwalunkwe persuna jekk tikser xi waħda mir-regoli ta' hawn fuq.
- 4.3 Tikkonferma li kull persuna li tidher fir-ritratt tatek il-permess tagħha. Kull kostum, oġġett jew materjali oħrajn li jintużaw għandhom jiġu mikrija jew mislufa bil-permess tas-sid, u għandu jinkiseb kull permess ieħor rilevanti.
- 5.1 Il-Grupp PSE jagħraf li inti żżomm is-sjieda sħiħa tad-dritt tal-awtur ta' kull ritratt.
- 5.2 Kull applikant għandu jifhem li r-ritratt li jitressaq għall-kompetizzjoni jista' jintuża mill-Grupp PSE fi kwalunkwe avveniment tiegħu. B'hekk inti tagħti lill-Grupp PSE d-dritt li juża r-ritratt fil-qafas tal-attivitajiet tiegħu.
6. Kull meta l-Grupp PSE juża ritratt dejjem isemmi isem l-awtur. In-nuqqas ta' dan jibqa' jitqies bħala ksur tal-liġi sakemm il-Grupp PSE jagħmel ħiltu kollha sabiex jikkoreġi dan in-nuqqas fi żmien raġonevoli mid-data meta jiġi mgħarraf dwar in-nuqqas.
7. Tagħraf li hija r-responsabbiltà tiegħek li tipproteġi r-ritratt minn kwalunkwe użu mhux xieraq tiegħu billi, pereżempju, tinkludi watermark. Il-Grupp PSE u l-imsieħba tal-avvenimenti tiegħu ma jerfġu l-ebda responsabbiltà għal kwalunkwe użu mhux xieraq ta' ritratt.
8. Il-Grupp PSE ma jerfa' l-ebda responsabbiltà għal kwalunkwe informazzjoni li ma tkunx korretta, preċiża jew kompluta, sew jekk tkun ikkawżata mill-utenti tas-sit elettroniku sew minn kwalunkwe tagħmir jew programmi assoċjati jew użati fil-kompetizzjoni, u l-Grupp PSE ma jassumi l-ebda responsabbiltà għan-nuqqasijiet tekniċi, ta' hardware jew ta' software ta' kull xorta, u lanqas għall-qtuġ tal-konnessjonijiet minn man-netwerk, għat-trasmissjonijiet ta' kompjuter maqtuġha, jew għal problemi oħra jew nuqqas ta' funzjonament tekniku b'rabta ma' din il-kompetizzjoni. Il-Grupp PSE ma jassumi l-ebda responsabbiltà għal kwalunkwe żball, omissjoni, korruzzjoni, interruzzjoni, tneħħija, difett, dewmien fl-operazzjoni jew trasmissjoni, nuqqas fil-linja ta' komunikazzjoni, jew serq, qrid, aċċess mhux awtorizzat jew tibdil fl-applikazzjonijiet. Il-Grupp PSE mhuwa responsabbli għall-ebda problema jew nuqqas ta' funzjonament tekniku ta' networks jew linji tat-telefon, sistemi online tal-kompjuter, servers, tagħmir informatiku, software, nuqqas ta' kwalunkwe posta elettronika indirizzata lill-Grupp PSE minħabba problemi tekniċi, żball uman jew konġestjoni tat-traffiku fuq l-internet jew kwalunkwe sit elettroniku, jew taħlita ta' dawn il-problemi, inkluża kwalunkwe inġurja jew ħsara lill-kompjuter tiegħek jew ta' persuna terza relata li tirriżulta mill-parteeċipazzjoni jew it-tniżżil ta' kwalunkwe materjal fil-kuntest tal-kompetizzjoni. Jekk, għal xi raġuni, ir-ritratt ta' parteċipant ma jkunx jista' jintwera jew ma jkunx jista' jieħu sehem kif previst, anke minħabba virus tal-kompjuter, bugs, tbaġħbis, intervent mhux awtorizzat, frodi jew nuqqasijiet tekniċi, il-Grupp PSE ma jassumi l-ebda responsabbiltà.

9. Il-Grupp PSE, il-membri, l-imsieħba tal-avvenimenti, l-uffiċjali, id-diretturi u l-impjegati tiegħu taħt l-ebda kondizzjoni mhuma responsabbli għal kwalunkwe ħsara jew telf ta' kwalunkwe tip, inkluża ħsara diretta, indiretta, inċidentali, ta' konsegwenza, speċifika jew punittiva li tirriżulta mill-aċċess ta' parteċipant għas-sit elettroniku jew l-użu tas-sit elettroniku minn dan il-parteċipant jew mill-parteċipazzjoni tiegħu fil-kompetizzjoni. Mingħajr restrizzjoni għall-ġeneralità ta' dak kollu li ssemma hawn fuq, il-kontenut kollu tas-sit elettroniku qed jiġi pprovdut kif inhu mingħajr l-ebda garanzija, sew espliċita sew impliċita, inklużi, iżda mhux biss, il-garanziji impliċiti tal-bejgħ fis-suq, tal-kapaċità li jintuża jew li ma jiksirx il-liġi.
10. Taqbel li tiegħu sehem f'pubbliċità marbuta mal-kompetizzjoni u li ismek u r-ritratt tiegħek jintużaw għall-finijiet ta' pubbliċità u promozzjoni mingħajr ħlas addizzjonali.
11. Kull parteċipant għandu jkun jista' jipprovdi ritratt b'riżoluzzjoni għolja adattata għall-istampar fil-mezzi tax-xandir. Ir-ritratti kollha għandhom ikunu f'format JPEG (id-daqs ma jstax ikun aktar minn 5 MB) u għandhom ikunu jistgħu jiġu stampati f'daqs ta' 20 cm x 30 cm b'minimu ta' 300 dpi.
12. Il-premjijiet ma jistgħux jingħataw fi flus.
13. Isem ir-rebbieħa ser jiġi ppubblikat online.